MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 82/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Iro Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Iro Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 197276(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni wahda ghax-xhur ta' Mejju 2012 u Ġunju 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt biex jagħti lil Doreen Azzopardi u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum

minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-6 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Iro Azzopardi ħati u kkundannatu xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Iro Azzopardi ppreżentat fit-18 ta' Frar 2013 fejn talab li din il-Qorti: (1) tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni miġjuba kontrih; jew (2) b'mod alternattiv tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet ħtija pero` tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundanah għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ;
**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Krmiinali ma setgħet qatt legalment u b'mod raġonevoli tasal għall-ħtija ta' 1-appellant stante li huwa kien fl-impossibilita` li jħallas il-manteniment lil martu għaż-żewġ uliedu; (2) li, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija waħda esaġerata tenut kont li 1-appellant mhux bi pjaċir tiegħu ma ottemperax ruħu mal-kuntratt tas-separazzjoni pero` minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**6.** Mill-provi jirriżulta illi b'kuntratt ta' separazzjoni datat 17 ta' Settembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Erika Vella, l-appellant obbliga ruħu li jħallas manteniment għaż-żewġ uliedu. Skond l-appellant huwa ma jaħdimx minħabba li kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol. Difatti kellu anke jiġi operat f'dahru. Mill-*case summary* esebit mill-appellant permezz ta' nota tat-8 ta' Mejju 2013 jirriżulta illi ġie operat fit-22 ta' Settembru 2011. Ma baqax iħallas il-manteniment minn wara li ġie operat. Skond l-appellant se ssirlu MRI f'Novembru għax se jkollu jiġi operat ukoll fl-

irkiekel ta’ mad-denb. Jgħid li pprova jfittex xogħol mat-Transport Malta u ma’ l-ARRIVA iżda inutilment. L-appellant jirreferi għal sentenza mogħtija fl-20 ta’ Frar 2013 fil-konfront tiegħu dwar manteniment mhux imħallas għax-xhur ta’ Lulju 2012 sa Novembru 2012 fejn ġie lliberat (kopja annessa ma’ l-istess nota tat-8 ta’ Mejju 2013).

**7.** Issa, mix-xiehda ta’ l-appellant stess jirriżulta li huwa qiegħed jipperċepixxi benefiċċji soċjali, inklużi benefiċċji tal-mard. Il-benefiċċji kollha li huwa jipperċepixxi jinsabu elenkati fl-ittra datata 12 ta’ Novembru 2012 rilaxxata mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali mnejn jirriżultaw it-totali għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2010 sal-31 ta’ Diċembru 2012. L-appellant jgħid illi nonostante illi kien waqaf mix-xogħol, huwa xorta baqa’ jħallas il-manteniment sakemm kellu l-flus. Din il-Qorti tifhem id-diffikultajiet li jista’ jkun qiegħed jiffaċċja l-appellant biex iħallas il-manteniment, aktar u aktar jekk l-uniku dħul tiegħu huwa mill-benefiċċji soċjali. Tfakkar, pero`, illi fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta’ Lulju 1998, ġie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista’ tħallas il-manteniment ordnat meta din tisfa diżokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **“tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment”**. Dan japplika wkoll fejn il-manteniment hu dovut a tenur ta’ kuntratt. Hu biss <u>wara</u> li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista’ tħallas inqas, jekk ikun il-każ. Sakemm dan isir, jibqa’ l-obbligu tal-ħlas. Mix-xiehda ta’ l-appellant jidher illi huwa adixxa lill-Qorti kompetenti iżda ma jirriżultax li dan għamlu tempestivament; difatti għad m’hemm l-ebda eżitu. Fiċ-ċirkostanzi l-ewwel aggravju ma jimmeritax akkoljiment.

**8.** Kwantu għat-tieni aggravju, pero`, din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju illi hemm lok ta’ temperament fil-piena, partikolarment għax ma jirriżultax illi n-nuqqas ta’ xogħol kienet xi ħaġa voluta.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċ-edi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahar priġunerija, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa zmien xahrejn millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jifthiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------